# FIL-QORTI CIVILI PRIM' AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 26 ta' Settembru 2024**

**Rikors numru 807/2022**

**Delvetro Limited (C 101743))**
**vs.**
**Kishore Kumar Neduru (K.I. 278353A)**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors tas-soċjeta Delvetro Limited ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2022, permezz ta' liema talbet hekk:

   Għaldaqstant, in vista tal-premess is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli qorti jogħġobha:

   i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat aġixxa bi ksur ta' klawsola numru wieħed tal-kuntratt ta' impjieg mas-soċjetà rikorrenti datat 12 ta' April 2022

   ii) Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' €30,000 in kwantu danni pre-likwidati ai termini tal-klawsola numru 4 tal-kuntratt ta' impjieg mas-soċjetà rikorrenti tat-12 ta' April 2022.

   iii) Tikkundanna u tordna lill-intimat iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' €30,000.

   Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ippreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, u bl-imgħax skond il-liġi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ta’ Kishore Kumar Neduru ippreżentata fit-30 ta’ Settembru 2022, permezz ta’ liema għar-raġunijiet hemmhekk premessi oppona għat-talbiet.

3. Rat in-nota tal-avukat Andrew Grima tad-9 ta' Ottubru 2023, li permezz tagħha infurmah li qed jirrinunzja għall-patroċinju tal-konvenut (fol 42).

4. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti processwali.

5. Semghet it-trattazzjoni fl-4 ta' April 2024.

6. Rat li fil-verbal tal-4 ta’ April 2024, il-kawża tħalliet ghas-sentenza.

## B. FATTI TAL-KAŻ

7. Il-fatti tal-każ huma (in suċċint) li l-intimat kien impjegat mas-soċjetà rikorrenti Delvetro Limited bħala accounts officer skond il-kuntratt ta' impieg tat-12 ta' April 2022, Dok A fol 7 *et sequitur*. F’dan il-kuntratt ta' impjieg, ir-rikorrent kien assenjat biex joffri servizz ta' *accounts officer* direttament mas-soċjetà rikorrenti. Fid-29 ta' Lulju 2022, l-intimat irriżenja mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà rikorrenti.

8. Mix-xhieda ta’ Louis Buhagiar, rappreżentant ta’ Jobsplus irriżulta li l-intimat kien jaħdem bħala *full time cleaner* ma Andre Gove bejn 11/2/2022 u 5/5/2022 filwaqt li mas-soċjeta rikorrenti l-intimat kien għamel bejn il-5 ta’ Lulju 2022 u d-29 ta’ Lulju 2022 jaħdem bħala *full time accounts officer.*

9. Imbagħad mix-xiehdat ta’ Thomas Barry, rappreżentant ta’ Identity Malta, irriżulta li li sussegwentement, kienet saret applikazzjoni sabiex l-intimat jimpjega ruhu ma’ Lexcorp International Limited, iżda din l-applikazzjoni giet imwaqqfa fuq rikjesta tal-istess intimat fit-13 ta’ Settembru 2022.

10. Is-soċjetà rikorrenti qed issostni li l-aġir tal-intimat jikkostitwixxi ksur ta' klawsola wieħed tal kuntratt ta' impjieg tat-12 ta’ April 2022, b'hekk qed tipproċedi f'dan il-każ sabiex l-intimat iħallas penali ta' €30,000.

## C. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

11. Is-soċjetà rikorrenti issostni li kien hemm ksur tal-klawżola numru 1 tal-kuntratt tal-impieg tat-12 ta' April 2022, biex b'hekk abbażi ta' dan l-allegat ksur qed tipproċedi għal danni prelikwidati ai termini tal-klawżola numru 4 tal-istess kuntratt ta' impjieg.

12. Min-naħa l-oħra, l-intimat, oppona għat-talbiet billi sostna li l-azzjoni odjerna hija infondata fil-fatt u fid-dritt, peress li hija ibbażata fuq premessa falza li huwa daħal jaħdem ma Lexcorp International Limited mentri huwa ma daħalx fl-impieg ma' dik is-soċjeta u b'hekk isostni li din l-azzjoni hija frivola. Inoltre, kompla jsostni li s-soċjetà rikorrenti għandha tipproduċi evidenza tal-awtorizżazzjoni mogħtija lilha mid-Direttur tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impiegi skond l-artikolu 19 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, biex tinkludi klawżola ta' danni prelikwidati citata fir-rikors promutur, u jekk kemm-il darba ma ngħatat ebda awtorizżazzjoni f'dan is-sens, l-intimat isostni li klawsola 3 tal-kuntratt ta' impieg imsemmi hija nulla. Ġie sostnut wkoll li sabiex ikun hemm klawsola ta' protezzjoni limitata kontra eks-impjegat li jittratta ma’ klijenti eżistenti, għaliex dan huwa parti minn goodwill hemm ġurisprudenza ampja dwar il-kwistjoni fejn jidher li  sabiex tiġi infurzata tali dispożizzjoni (i) din għandha tkun ċerta f'termini ta' oġġett, żmien u post (ii) għandha tinkludi kumpens għall-konformità ma' tali dispożizzjoni, u (iii) tkun raġonevoli u għalhekk limitata biex tipproteġi b'mod strett l-interessi tal-prinċipal. Di piu, ġie eċċepit li fil-każ in eżami,  id-dispożizzjoni stipulata fil-kuntratt ta' impjieg hija eċċessiva meta kkunsidrat li l-intimat ħadem biss mas-soċjetà rikorrenti għal perjodu ta' tliet ġimgħat, u qiegħed fuq paga minima. Ġie sostnut ukoll li klawsola 3 tal-kuntratt ta' impjieg hawn insemmija, hija in ‘restraint of trade’, b’hekk hija nulla u tmur kontra l-ordni pubbliku.

### Ikkunsidrat

13. Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat kopja tal-kuntratt ta' impjieg tal-intimat mas-soċjetà rikorrenti datata 12 ta' April 2022, Dok A fol 7.

Jirriżulta li l-impjieg tal-intimat mas-soċjetà rikorrenti beda fit-18 ta' April 2022 u huwa rriżenja fid-29 ta' Lulju 2022.[1]

14. Is-soċjetà rikorrenti qed issostni li l-intimat kiser il-klawsola numru wieħed tal-kuntratt ta' impjieg hawn fuq imsemmi, billi impjega ruħu ma' klijent partikolari tas-soċjetà rikorrenti li kienet Lexcorp International Limited, kif ukoll offra s-servizz tiegħu lilha.

15. Mix-xhieda ta' Thomas Barry, Senior Administrative Officer in rappreżentanza ta' Identity Malta tas-26 ta' Jannar 2023, jirriżulta li l-applikazzjoni pendenti tal-intimat bħala 'employer application' ma' Lexcorp International Limited ġiet imwaqqfa fuq rikjesta tal-applikant stess fit-13 ta' Settembru 2022.[2]

16. Sussegwentement, fix-xhieda ta' Louis Buhagiar, Senior Executive ma' Jobs Plus tas-26 ta' Jannar 2023, ġiet esebita l-*employment history* tal-intimat bħala Dok JP1 fol 28 tal-proċess, fejn jidher li l-aħħar impieg tal-intimat kienet ma' Delvetro Limited, u ma jidher l-ebda impjieg fejn huwa ġie reġistrat ma' Jobs Plus bħala impjegat ta' Lexcorp International Limited.

17. Għaldaqstant minn dawn il-provi jirriżulta li l-intimat qatt ma ġiet formalment reġistrat ma dawn l-entijiet pubbliċi bħala ħaddiem ma' Lexcorp International Limited. Iżda mix-xiehda l-oħra jirriżulta li kien sar xi kliem u ftehim verbali sabiex huwa jibda jaħdem ma' Lexcorp International Limited. Dan jinsab ikkonfermat mix-xhud George Gatt, sid Lexcorp International Limited li fix-xhieda tiegħu tat-18 ta' April 2023 ikkonferma wkoll li l-intimat qatt ma ħadem magħhom.[3]

18. L-intimat Neduru Kishore Kumar xehed fl-1 ta' Ġunju 2023, fejn ikkonferma li kien hemm taħdidiet u anke iffirma kuntratt ta' impjieg ma' Lexcorp International Limited, iżda sostna wkoll li huwa qatt ma ipproċeda biex jibda jaħdem ma Lexcorp International Limited. Fil-fatt jirriżulta li l-applikazzjoni tiegħu għal dan l-impjieg kienet ġiet irtirata minnu stess, kif ikkonfermat mix-xhud Thomas Barry. Fl-atti ma tirriżulta ebda kopja ta' dan il-kuntratt tal-impjieg li semma' l-intimat.

---

[1] Anki jekk skont ir-records ta' Jobsplus huwa kien reġistrat li beda jaħdem mas-soċjeta rikorrenti fil-5 ta' Lulju 2022.
[2] Fol 24.
[3] Fol 36 a tergo.

19. Fil-klawsola numru wieħed tal-kuntratt ta' impjieg tal-intimat mas-soċjeta rikorrenti jingħad hekk:

> 1.Upon termination of this agreement, sohowever occasioned, the Employee shall not for a period of two (2) years following such termination directly or indirectly:
>
> i.Be employed or offer any services to any of the Employer's clients with which the Employee had direct contact during the period of employment; or

20. L-imsemmi kuntratt ta' impjieg ikompli jgħid hekk fi klawsola 4:

> In the event that the employee in any way contravenes this obligations imposed by clauses 1, 2 or 3 he shall be liable to the payments of a penalty of thirty thousand euros (€30,000) which amount shall be construed as pre-liquidated damages and shall not be revised by a Court of Law or Tribunal.

21. Trattandosi ta' kuntratt iffirmat bejn il-partijiet, it-termini tiegħu riedu jiġu rispettati.[4] Fl-appell ċivili **Gloria mart Jonathan Beacon et vs l-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines** deċiż fil-5 ta' Ottubru 1998 ġie ribadit li *pacta sunt servanda* – ir-rabta kontrattwali għandha tiġi rispettata u l-volonta tal-kontraenti kif espressa, għandha tipprevali u trid tiġi osservata.[5]

22. Il-punt ta' kontestazzjoni jikkonċerna prinċipalment jekk, l-intimat ġiex impjegat ma jew bediex jagħti is-servizzi tiegħu lill-klijenti tas-soċjetà rikorrenti. Il-provi juru li, fuq bażi ta' probabilita, l-intimat kien daħal fi ftehim ta' impjieg ma' Lexcorp International Limited iżda ma kienx laħaq beda fil-ħidma tiegħu bħala impjegat ta' Lexcorp International Limited. Dan jikkonfermawh ukoll George Gatt li ma

---

[4] Ara l-artikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili.

[5] Ghalhekk, isegwi li jekk il-partijiet jiffirmaw kuntratt diversi kundizzjonijiet u obbligi, il-partijiet huma obbligati li jsegwuhom u dan għaliex il-prinċipju *contra testimonium scriptum*, *testimonium non scriptum non fertur* jibqa' fis-sehh sakemm il-qorti ma tkunx persważa li hemm żball fil-kuntratt jew li tħalla barra xi fatt għal xi raġuni speċjali. F'dawn il-każijiet il-prinċipji bbażati fuq il-ġustizzja u l-ekwità għandhom ikunu supremi. (Ara Appell 15 ta' Diċembru 1947 **Mercieca vs Pace** Vol. XXIII.I.pag.603).

Kif ingħad fis-sentenza **Emmanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapaċitati** deċiż mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2002, il-prinċipju 'contra scriptum non est argumentum', jibqa' japplika sakemm ma tinġiebx prova li tali struttura hija nieqsa minn xi element kostituttiv tagħha.

Ukoll fil-kawża **Mark Calleja Urry et vs Joseph Portelli et**(129/2006/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2011 ġie ċitat hekk:

> Il-Kodiċi Ċivili jagħti lill-kuntratti magħmulin skond il-liġi is-saħħa ta' liġi stess hija l-aqwa liġi, cjoe, il-liġi tal-partijiet, il-meżż u l-miżura tal-indipendenza personali tagħhom fil-kamp kontrattwali, u li ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin jew għal raġunijiet magħmulin fil-liġi.

kienx jiftakar jekk kienx ġie ffirmat xi kuntratt mal-intimat; iżda l-intimat, wara li kien imfakkar li kien taħt dikjarazzjoni solenni, ikkonferma li kien iffirma *employment agreement* ma Lexcorp International Limited. Iżda jirriżulta wkoll li l-intimat ma ġie bl-ebda mod reġistrat ma Jobs Plus bħala impjegat ta' Lexcorp International Limited filwaqt li l-applikazzjoni tiegħu ma' Identity Malta f'dan ir-rigward ġiet imwaqqfa minnu stess fit-13 ta' Settembru 2022. Dan ġie konfermat mix-xhud Thomas Barry u mid-dokument ta' Jobsplus, fol 28 tal-proċess.

23. L-intenzjoni tal-intimat kienet li huwa jibda jaħdem ma' Lexcorp International Limited, iżda effettivament ma ġiex pruvat li l-intimat beda impjieg tiegħu ma' Lexcorp International Limited. Kuntrarjament għal dak sostnut mis-soċjetà rikorrenti, għalkemm l-intimat wera x-xewqa tiegħu li jaħdem ma' Lexcorp International Limited tant li wasal għal xi forma ta' ftehim magħha, jirriżulta wkoll li l-intimat waqqaf l-applikazzjoni tiegħu minn jeddu, u huwa qatt ma beda fl-impjieg li kien qiegħed jipprospetta mas-soċjetà Lexcorp International Limited. L-anqas ma jirriżulta pruvat li huwa provda s-servizzi tiegħu lil dik il-kumpanija.

24. Fit-trattazzjoni l-avukat difensur tas-soċjetà rikorrenti, isostni li kien hemm ksur tal-kuntratt ta' impjieg u għandhom jiskattaw id-danni prelikwidati għaliex l-intimat ammetta li ffirma kuntratt ta' impieg ma' Lexcorp International Limited.

25. Stando ma dawn il-provi, jirriżulta li ġie pruvat fuq bażi ta' probabbilitajiet li wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mas-soċjeta attriċi l-intimat kien daħal f'kuntratt ta' impjieg ma' kumpanija li, mix-xiehda tal-intimat stess jirriżulta li kienet klijenta tas-soċjeta attriċi. Iżda jirriżulta wkoll li l-intimat ma laħaqx beda jagħti s-servizzi tiegħu lil din il-kumpanija.

26. Il-klawsola numru 1 tgħid ċar li jkun hemm ksur tal-kuntratt jekk wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mas-soċjeta attriċi l-konvenut ikun impjegat **<u>jew</u>** joffri kwalunkwe servizzi (*any services*) lill-klijenti tas-soċjetà rikorrenti u li magħhom l-intimat kellu kuntatt dirett fil-perjodu tal-impjieg tiegħu.

27. Il-provi m'humiex sodi biżżejjed li juru li l-intimat kien beda joffri kwalunkwe servizz lil Lexcorp International Limited. L-anqas ma hemm provi li jindikaw x'riedu jfissru l-partijiet bil-frażi "direct contact during the period of employment". Iżda l-provi juru li formalment

huwa kien aċċetta li jsir impjegat ta' dik is-soċjeta, u anke ffirma kuntrat ta' impjieg, meta kien jaf li din kienet klijenta tas-soċjeta attriċi u li magħha huwa kellu wkoll xi forma ta' kuntatt bħala impjegat mas-soċjeta attriċi. Dan jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li skont il-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta,

> "impjegat" tfisser persuna li tkun għamlet jew taħdem taħt kuntratt ta' servizz **<u>jew li tkun intrabtet personalment li tagħmel xi xogħol jew ħidma għal ħaddieħor</u>**, u taħt id-direzzjoni u l-kontroll immedjat ta' persuna oħra, u tinkludi ħaddiem ta' barra, iżda teskludi xogħol jew servizz mogħti fi sfond professjonali jew bħala kuntrattur għal persuna oħra meta dak ix-xogħol jew servizz ma jkunx regolat minn kuntratt ta' servizz speċifiku;

28. Inoltre, skont l-istess Liġi,

> "kuntratt ta' servizz" u "kuntratt ta' impieg" tfisser ftehim (barra minn servizz bħala membru ta' forza dixxiplinata ħlief kif jista' jiġi provdut f'dan l-Att jew taħtu**<u>), sew jekk bil-fomm jew bil-miktub, f'kull għamla li tkun, li bih persuna tintrabat li tagħmel servizz lil jew taħdem għal prinċipal bil-ħlas ta' paga</u>** u safejn għandhom x'jaqsmu l-kondizzjonijiet tal-impieg jinkludi ftehim ta' apprendistat:
> Iżda sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'xi liġi oħra,f'dan l-Att jew f'xi regolamenti magħmula taħt dan l-Att, irrispettivament minn kif tkun dikjarata n-natura tar-relazzjoni, kull meta l-prinċipal jeżerċita direzzjoni, kontroll u għażla effettiva fuq in-natura ta' xogħol jew xogħolijiet li qed isiru jew li jridu jsiru minn persuna għal prinċipal, dik ir-relazzjoni għandha titqies bħala waħda ta' kuntratt ta' servizz u l-persuna li qed tagħmel ix-xogħol għandha titqies bħala impjegata tal-prinċipal;[6]

29. S'hemmhekk it-teżi tas-soċjeta attriċi issib bażi fattwali kwantu għall-fatt li l-intimat jammetti li ntrabat b'kuntratt ta' impjieg ma Lexcorp International Limited, għalkemm it-termini preċiżi ta' dan il-ftehim baqgħu mhux pruvati.

30. F'dan il-każ, il-Qorti trid tistħarreġ it-talbiet tas-soċjeta attriċi ukoll fl-isfond u fid-dawl ta' dak eċċepit mill-konvenut, b'mod partikolari fit-tielet, fir-raba u l-ħames eċċezzjonijiet tiegħu. Jingħad dan peress li l-ewwel eċċezzjoni – iġifieri dik dwar jekk l-intimat kiserx l-obbligi kontrattwali tiegħu tiddependi fuq jekk dik il-klawżola numru 1, magħquda mal-klawżola numru 4, tistax titqies li torbot lill-partijiet.

---

[6] Enfażi miżjuda mill-Qorti.

31. Kif diġa ġie mistqarr iżjed il-fuq, din il-Qorti jirriżultalha li formalment l-intimat kien daħal fl-impjieg ma Lexcorp International Limited biex b'hekk dik l-eċċezzjoni ma tiswiex u sejra tiġi miċħuda.

32. Kwantu għat-tielet eċċezzjoni din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża **ZP Services Limited vs. Gennaro Lanza** deċiża nhar id-19 ta' Settembru 2022. Fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza riċenti ġie ritenut li l-artikolu 19 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għal klawżoli bħal dik li qegħda tiġi mistħarġa minn din il-Qorti. Dan għaliex dik il-klawżola setgħet tidħol fis-seħħ biss **wara** t-tmiem tal-impjieg li kellu l-konvenut mal-kumpanija attriċi kif ukoll li din il-klawżola kienet titkellem dwar danni likwidati minn qabel u mhux dwar multa. Dawn it-tip ta' klawżoli ma kienux jitrattaw multi waqt l-impjieg ta' impjegat iżda danni likwidati minn qabel minħabba xi azzjoni magħmula mill-eks impjegat wara t-tmiem tal-impjieg tiegħu ma min kien iħadmu preċedentement.

33. B'hekk biex din il-klawżola titniżżel fil-kuntratt tal-impjieg tal-intimat ma kienx hemm il-ħtieġa ta' approvazzjoni minn qabel tad-Direttur Ġenerali tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. It-tielet eċċezzjoni għalhekk sejra tiġi miċħuda.

34. Illi kwantu għar-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat, din il-Qorti qieset ukoll ġurisprudenza riċenti, kemm lokali daqskemm dik estra - prinċipalment mid-dinja legali anglo-sassoni - dwar il-materja ta' *post employment restraints.* Għalkemm dawn il-klawżoli kienu suġġett għal dibattiti kontinwi dwar is-saħħa u l-validita tagħhom, dawn il-klawżoli mhux bilfors jitqiesu li minn natura tagħhom ixekklu l-kummerċ jew il-liberta tal-kontrattazzjoni tal-partijiet. Dan ġie rikonoxxut in kwantu parti tista' tiftiehem li twettaq xi azzjoni daqskemm tista' tiftiehem ukoll li ma tagħmilx azzjoni.

35. Biss bħala regola l-Qrati jqisu li dawn il-klawżoli ma humiex projbiti fis-sistema legali Maltija, dment li jkunu jħarsu ċerti regoli speċifiċi, fosthom li dawn il-klawżoli:

(a) ikunu jikkontjenu termini raġonevoli billi l-effett tagħhom ikun limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex jiġu mħarsa l-interessi tal-prinċipal;
(b) ma jkunux miftuħa għal żmien li ma jagħlaqx;

(c) jikkontjenu quantum tad-danni miktub li ma jkunx wieħed sproporzjonat u eċċessiv meta jiġi meqjus fl-isfond tal-kuntratt tal-impjieg b'mod sħiħ.

36. Mill-banda l-oħra l-ġurisprudenza għalmet ukoll li f'ċerti ċirkostanzi dawn il-*post employment restraints* jistgħu wkoll jitqiesu mhux enforzabbli fil-każ fejn ikunu saru *in restraint of trade* u allura kontra l-ordni pubbliku fis-sensi tal-artikolu 985 tal-Kodiċi Ċivili jew inkella jkunu meqjusa bħala restrizzjonijiet fuq id-dritt għax-xogħol tal-impjegat li ma jkunux raġonevoli meta jittieħed qies taċ-ċirkostanzi kollha bejn l-impjegat, min iħadmu u l-kundizzjonijiet kollha tal-impjieg li jkunu maqbula bejniethom.

37. Inoltre, dawn il-klawżoli jitqiesu validi dment li min iħaddem jirnexxielu juri li huwa jkun jeħtieġlu jħares l-interessi kummerċjali tiegħu permezz tagħhom, u dment li, f'kull każ, tali klawżoli ma jkunux jiksru l-jedd tal-impjegat li jaħdem b'mod produttiv. Biss biex tali klawżoli jkunu meqjusa validi, irid jiġi muri li dawn ma kienux ġew inklużi fil-kuntratt fl-interess esklussiv ta' xi parti, iżda jkun iridu jiġi muri li dawn ikunu fl-interess taż-żewġ partijiet.

38. Fost konsiderazzjonijiet oħra allura l-Qorti tkun trid tqis kemm il-posizzjoni ta' min iħaddem daqskemm dik tal-impjegat; trid tara n-natura u l-ħtiġijiet tan-negozju ta' min iħaddem, daqskemm trid tistħarreġ in-natura tal-professjoni, arti jew sengħa tal-impjegat, tal-paga jew salarju tal-impjegat, tal-perjodu ta' servizz effettiv, kif ukoll tal-iskop, taż-żmien u tal-entita tar-restrizzjoni imposta fuq l-impjegat u l-effetti li din tħalli kemm fuq min iħaddem kif ukoll, u b'mod partikolari fuq l-impjegat. In kwantu dawn il-klawżoli huma intiżi li jillimitaw l-operat tal-impjegat, aktar minn dak ta' min iħaddem, jinkombi fuq min iħaddem li juri li r-restrizzjonijiet ikunu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi ta' bejniethom. Iżjed ma jkunu onerużi r-restrizzjonijiet fuq l-impjegat, iżjed jikber il-piż fuq min iħaddem li juri l-ħtieġa ta' dawk ir-restrizzjonijiet fuq l-impjegat tiegħu nonche r-raġonevolezza tagħhom fiċ-ċirkostanzi. Il-Qorti tkun trid dejjem tieħu kont tal-fattispecie partikolari għal kull każ b'mod li dawn ir-restrizzjonijiet iridu jiġu moqrija fl-isfond ta' dawn il-fattispecie.

39. F'dan il-każ, iż-żmien li għalih ġiet pattwita r-restrizzjoni kienet għal sentejn filwaqt li l-kuntratt tal-impjieg kien magħmul għal perjodu indefinit. Dan allura jfisser li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li r-relazzjoni ta' bejniethom tkun miftuħa għal perjodu indeterminat.

Dan il-perjodu indefinit jista' jitqies ta' benefiċċju għall-impjegat li ma jkunx konfrontat b'terminu qasir ta' żmien u jaf joffri element ta' stabbilita ikbar f'ħajtu, b'mod partikolari fejn l-impjegat ikun barrani, mingħajr għeruq sodi mal-pajjiż. Dan it-terminu restrittiv ta' sentejn f'dan il-kuntest għalhekk jista' jitqies li huwa wieħed raġonevoli.

40. Ir-restrizzjoni tinvolvi lill-impjegat milli bl-ebda mod dirett jew indirett ikun impjegat jew joffri **kwalunkwe** servizz lil xi wieħed mill-klijenti ta' min ikun iħadmu u li miegħu l-impjegat kellu **kuntatt dirett** matul iż-żmien li kien hekk jaħdem.

41. Il-kliem użat f'din il-klawżola jirrestrinġi lill-impjegat milli jkun impjegat ma' jew joffri kwalunkwe servizz tiegħu lil xi wieħed mill-klijenti li magħhom l-impjegat kellu kuntatt dirett matul il-perjodu tal-impjieg. Meqjusa fl-intier tagħha fl-isfond tar-rapport kontrattwali bejn l-impjegat u min iħadmu, ma jistax jingħad li din hija oneruża żżejjed fuq l-impjegat għaliex hija speċifika fil-portata tagħha. Hija kundizzjoni li tillimita r-restrizzjoni fuq l-impjegat mhux fuq il-klijenti kollha ta' min iħaddem b'mod ġenerali, iżda hija fokalizzata u speċifika fir-rigward ta'
(a) dawk il-klijenti ta' min iħaddem u
(b) li magħhom l-impjegat kellu kuntatt dirett.

42. Din ir-restrizzjoni għalhekk ma kienetx tista' titqies li hija in *restraint of trade* jew irraġonevoli; għajr ħlief għall-fatt li tobbliga lill-impjegat milli jrendi **kwalunkwe** servizz tiegħu lil xi wieħed minn dawk il-klijenti li magħhom kellu **kuntatt dirett**.

43. Bid-dovut rigward, il-fatt li min iħaddem irrestrinġa lill-impjegat milli joffri **kwalunkwe** tip ta' servizz – u allura anke servizz li ma għandux rabta ma dawk ta' *accounts officer* li bih kien marbut l-impjegat – mingħajr ma speċifika eżattament f'xiex jista' jikkonsisti dan il-**kuntatt dirett**, iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li din il-parti tar-restrizzjoni ma tissodisfax il-vot tar-raġonevolezza.

44. Iżjed minn hekk pero, l-istess test ifalli meta din il-klawżola titqies ukoll fl-isfond tal-konsegwenzi li jitnisslu minnha kif riflessi fid-danni prelikwidati imsemmija fil-klawżola numru 4. F'kuntest fejn l-impjegat kien marbut għal perjodu indefinit, jagħmel xogħol ta' *accounts officer*, u jitħallas il-paga minima ta' disat elef u sitt mitt euro (€9,400) gross fis-sena, biex imbagħad l-ammont ta' danni prelikwidati kienu stipulati għal tletin elf euro (€30,000) – iżjed minn tliet darbiet il-paga tiegħu fis-sena, ossija iżjed minn paga ta' tliet

snin maħduma f'daqqa - huwa ammont ta' danni esaġerat u mhux raġonevoli meta meqjus fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

45. Dan apparti l-fatt li jekk l-impjegat ikun waqqaf l-impjieg tiegħu wara xahar, iżda qabel tliet snin mid-data tal-bidu ta' dan il-ftehim, huwa ġie marbut ukoll li jħallas erbat elef euro (€4,000) oħra rappreżentanti spejjeż għal taħriġ matul il-perjodu tal-impjieg – taħriġ indeterminat, f'ammont ta' ħin mhux speċifikat, iżda b'ammont speċifiku u tassattiv *flat rate*.

46. Minħabba dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li l-klawżola 1 tal-kuntratt tal-impjieg tal-konvenut moqrija fl-isfond tal-klawżola 4 hija waħda irraġonevoli in kwantu li ġġorr magħha kundizzjonijiet u effetti sproporzjonati meta meħuda fl-isfond tal-kuntratt bejn il-partijiet u l-kondizzjonijiet l-oħra meħuda flimkien. Dan jingħad lil hinn mill-fatt kemm żmien effettivament laħaq ħadem l-intimat mas-soċjeta attriċi, u anke lil hinn mill-fatt ukoll li huma ma kienx laħaq beda jaħdem jew jippresta s-servizzi tiegħu ma' Lexcorp International Limited. Għalhekk il-klawżola numru 1, moqrija mal-klawżola numru 4 tal-ftehim ma għandhiex torbot bejn il-partijiet. Din il-klawżola kienet tħares biss lejn il-vantaġġ ta' naħa waħda b'mod li tagħmel il-possibilita' ta' ħidma tal-konvenut verament diffiċli biex ikun jista' jsib xogħol ieħor – anke mhux relatat ma dak il-qasam li kien jaħdem fih mal-kumpanija attriċi – għalkemm ristretta għal dawk li kienu klijenti li kellu kuntatt dirett magħhom il-konvenut.

47. B'hekk, f'dan is-sens, għalkemm it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenut ma jimmeritawx li tiġi milqugħa, meta wieħed iqis il-fattispecie ta' dan il-każ, il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut jimmeritaw li jiġi akkolti.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti filwaqt li tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' l-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut biex b'hekk tiċħad it-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti, bl-ispejjeż ikunu a karigu tagħha.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**